MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2012

Numru 502/2012

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mohamed H. Alwaer**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mohammed H. Alwaer**, iben Mohammed u Lotfia *nee'* Alnaas, imwieled Tajura Tripoli, nhar id-19 ta' Settembru 1991, u jghix fil-lukanda Milano Due, Kamra nru. 201, The Strand, Gzira, u detentur ta' passaport Libjan nru. 807448 u nakkuzah talli f' San Giljan, nhar l-10 ta' Mejju 2012, ghal habta tal-04.00am;

1. Wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Luciana Dowling;

Rat illi l-Qorti kienet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Rat illi l-Qorti kienet ulterjorment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Luciana Dowling, ai termini ta' l-artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-akkuzi migjuba quddiemha.

Rat l-Artikoli 209 u 544 (c) tal-Kap 9;

Rat ir-rapport illi sar minn Luciana Dowling lill-Pulizija fl-10 ta' Mejju 2012 fl-4.30am kif ukoll l-istqarrija maghmula mill-akkuzat lill-Pulizija dakinhar stess, fil-17.10pm;

Rat illi fil-11 ta' Mejju 2012, meta l-akkuzat kien tressaq quddiem dina l-Qorti, inghata l-helsien mill-arrest fuq kundizzjonijiet inkluzi fl-istess digriet;

Semghet ix-xhieda ta' Ibrahim Al Mabruk, xhud tal-Prosekuzzjoni, illi stqarr illi huwa kien xorob hafna tant illi hareg mid-diskoteka fejn kien u raqad ma' l-art. Sussegwentement, gie fuqu l-akkuzat u xi hadd iehor u meta rawh hekk staqsewh jekk kellux bzonn xi haga u l-akkuzat ghenu jqum bil-wieqfa. Hu beda miexi flimkien ma' l-imputat meta, f' hin minnhom, hass daqqa minn wara u waqa u ntilef minn sensieh. Meta eventwalment regggha gie f'sensieh, sab ruhu l-Isptar fejn sab ukoll lill-akkuzat illi kien wegga saqajh. Madanakollu, dwar kif gara l-incident u minn laqtu, huwa ma jiftakar assolutament xejn.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Munir Mustafa li stqarr illi huwa ried isib dettalji dwar l-Ambaxxata f'Malta ghar-Rumanija u mar l-Ghassa ta' San Giljan flimkien ma habib tieghu li jismu Faesa. Meta dahal l-Ghassa, huwa kien liebes T-Shirt iswed u beritta sewda, gie fuqu persuna b'xaghru imqaxxra, bi tpingija kemm fuq idejh kif ukoll m' ghonqu, illi qallu li hu kien ittantalu t-tfajla. Dana beda

jipponta subajh lejh u beda jheddu. Il-Pulizija minnufih arrestaw lil Mustafa biex jaghmlulu d-domandi.

Semghet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Trevor Micallef illi stqarr li filghodu ta’ l-10 ta' Mejju 2012 l-Pulizija giet mgharrfa illi xi persuni ttajru b'karozza gewwa San Giljan. Saru investigazzjonijiet u ma setax jinstab footage tac-CCTV illi juri l-incident isehh. Huwa kellem lil Ibrahim Al Mabruk Salem u Mohammed Alwaer sabiex jiehu l-verzjonijiet taghhom ta’ l-incident, peress illi huma kienu l-persuni li t-ttajru u rrizulta illi l-vettura involuta kienet ta’ l-ghamla **Jaguar KBP231**, propjeta ta' Anthony Rapa li stqarr mal-Pulizija li l-vettura, ghalkemm indikata bhala propjeta tieghu, kienet ta' Christopher Borg, li kien ghadu ma ghamilx it-transfer tal-vettura. Sussegwentement kellmu lil Christopher Borg li qal li wiehed miz-zewg Libjani, li kien liebes beritta sewda u kien liebes bl-iswed, kien miss it-tfajla tieghu. Huwa kien jaf dan peress illi hija cemplitlu tibki u qaltlu illi kien hemm xi persuni illi qed idejquha. Sussegwentement dahhlet Luciana Dowling u qalet illi gharrfet lil Mohammed Munri Mustafa bhala l-persuna li ghollilha d-dublett. Ftit wara, dahhlu Mohammed Al Waer u Ibrahim Al Mabaruk Salem fl-ghassa u kemm Christopher Borg u Luciana Dowling qalu illi li attwalment kien Mohammed Al Waer li kien ghollilha d-dublett u mhux Mohammed Munri Mustafa.

Dwar x'gara attwalment fil... lejn, l-Ispettur Micallef stqarr li skond Borg, wara li sema t-telefonata tat-tfajla, huwa nizel biex jghinnha peress illi kien jghix fil-vicin u sab persuna li kellu beritta sewda, li wara sar jaf li kien Mohammed Al Waer, u mar ghalih, izda dana harab 'l hemm. Borg izda cahad illi huwa qatt saq il-vettura fuq iz-zewg libjani, filwaqt illi Al Waer innega illi huwa qatt ghamel xi haga fil-konfront ta' Luciana Dowling;

Rat ix-xhieda ta' Dr Andre Mercieca illi xehed dwar il-griehi illi sofra Ibrahim Al Mabaruk Salem, li gew klassifikati bhala 'slight save complications';

Rat ix-xhieda ta' Mohammed Munrim Mustafa illi stqarr li gurnata minnhom, wara t-talba tat-tmienja ta' filghaxija,

huwa u habib tieghu jismu Faisa telghu Paceville u hemmhekk iltaqghu ma habib ta' Faisa, Mohammed Al Waer. Eventwalment mar lura d-dar. L-ghada, hu flimkien ma' Faisa marru l-Ghassa ta' San Giljan sabiex jistaqsu ghal xi informazzjoni. Waqt li kien l-ghassa, mument minnhom hareg persuna, li huwa gharaf fl-awla bhala Christopher Borg, illi ma kienx jafu u beda jipponta subjah lejh u jkellmu bil-Malti. Sussegwentement, hargu l-Pulizija u zammew lil Mustafa u Faisa ghal xi erbgha sieghat. Sussegwentement, ghaddiet tfajla u harset lejhom izda ma gara xejn;

Rat ix-xhieda ta' Faisa Al Alnkua illi stqarr li mar l-Ghassa San Giljan biex jitlob ftit informazzjoni u meta kien hemm kien hemm persuna, illi huwa gharaf fl-awla bhala Christopher Borg, illi beda jipponta subajh lejn Mohammed Munrim Mustafa u jghid illi kien miss xi hwejjeg tat-tfajla tieghu. Sussegwentement dahlet tfajla u qalet illi kienet qed taghraf lill Faisa u Mustafa. Wara ftit dahlu zewgt Libjani ohra, fosthom Mohammed Al Waer u t-tfajla bdiet tghid illi issa kienet qed taghraf lil Mohammed Al Waer bhala l- persuna li messha u mhux lil Faisa u Mustafa;

Rat illi Christopher Borg ghazel illi ma jixhidx peress illi hemm proceduri kriminali kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2012, l-Prosekuzzjoni infurmat il-Qorti illi m’ ghandhiex riferta ta' Luciana Dowling u l-Avukati ta’ l-istess Luciana Dowling infurmaw il-Qorti li, sa fejn gew infurmati, l-istess Luciana Dowling siefret barra minn Malta u ma jafux meta hija gejja lura;

Rat illi wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, l-akkuzat ghazel illi ma jixhidx;

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha prodotti jidher car illi, kif stqarr l-Avukat ta’ l-akkuzat, hawnhekk hawn kaz car ta' 'mistaken identity'. Il-Qorti izzid tghid illi jidher illi hawn kaz ta' 'commedy of

errors', da parte tal-kwerelanta u l-boy friend taghha ta' dak iz-zmien, Christopher Borg;

Illi jidher car li l-kwerelanta, illi qatt ma giet prodotta quddiem il-Qorti sabiex tixhed, stqarret li xi hadd kien baghbasha. L-ewwel qalet illi kien Mohammed Munrim Mustafa, imbghad qalet illi kien Mohammed H Alwaer. Fl-ebda kaz, izda, ma qatt sar konfront bejn il partijiet. La fil-prezenza tal-Pulizija, u wisq anqas fil-prezenza tal-Qorti;

Il-Qorti ghalhekk thoss illi ma ngabux bizzejjed provi biex l-akkuzat jinstab hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, peress illi l-ahjar prova, ossija Luciana Dowling, ma dehret qatt, ghalkemm kien fl-ahjar interess taghha illi tidher peress illi hija ghamlet il-kwerela, wara kollox;

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk, wara illi rat il-provi kollha prodotti;

Fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------